VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,540, 26 ta' Frar, 2016
Taqsima B

A.L. 60 tal-2016

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2016 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp - Att VII tal-2016)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(3) u 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel il-korrezzjonijiet li ġejjin.

Korrezzjoni fl-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Att VII tal-2016.

1. Fl-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandhom isiru l-korrezzjonijiet li ġejjin:

(a) fis-subartikolu (3) tal-artikolu 45 tiegħu, minflok il-kliem "speċifikat fis-subartikolu 2(a)" u "msemmi fis-subartikolu (2)(a)", għandhom jidħlu l-kliem, fiż-żewġ każijiet, "speċifikat fis-subartikolu (2)";

(b) fis-subartikolu (3) tal-artikolu 46 tiegħu, minflok il-kliem "speċifikat fis-subartikolu (2)(a)", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "speċifikat fis-subartikolu (2)";

(ċ) fis-subartikolu (5) tal-artikolu 46 tiegħu, minflok il-kliem "speċifikat fis-subartikolu 2(a)" għandhom jidħlu l-kliem "speċifikat fis-subartikolu (2)"; u

(d) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 63 tiegħu, minflok il-kliem "tal-Kummissjoni tal-Ambjent" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Kummissjonijiet tal-Ippjanar".

Bidu fis-seħħ.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa s-26 ta' Jannar, 2016, bħala d-data li fiha l-korrezzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikati f'dan l-Avviż Legali għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ.